KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza E.S. Tonna, Floriana FRN1483

Telephone No. 21 235523, 21236951 E-Mail: floriana.lc@gov.mt

---

## Mozzjonijiet – Laqgħa Nru 30(7) – 12 t' April 2017

Sinjuri, dawn huma il-Mozzjonijiet li waslu fl-uffiċju sad-data tal-għeluq skond Kapitlu 363. Skeda 6 (Ordnijiet Permanenti), Artikolu 7, u li ser jitressqu waqt il-laqgħa Nru 30 **(7).**

### MOZZJONI NUMRU 1 - FAMILY PARK FIL-JUBILEE GROVE

Wara li saru parks għall-familja f' xi nħawi, qiegħed jiġi prponut li ż-żona tal-masġar ta' Sa Maison (Jubilee Grove) issir żona ta' Park għall-familja eżatt fiċ-ċentru ta' żona urbana u xieraq li jkun aktar imgawdi mill-pubbliku. Waqt il-weekends u l-festi għandu jiġi provdut servizz ta' transport sal-entraturi tal-park mill-Park & Ride biex tiġi ndirizzata l-problema ta' parkeġġ.
Għanda ssir talba lill-Gvern biex tiġi implimentata din l-proposta.

### MOZZJONI NUMRU 2 *SPEED CAMERA* FI TRIQ SANT' ANNA

Fil-25 ta' Ġunju 2013 kienet saret mistoqsija fil-Parlament dwar il-possibilta' ta' speed cameras fi Triq Sant'Anna.
Qiegħed jiġi proponut li jiġu stallati Speed Cameras f' din it-triq arterjali biex jitnaqqas l-abbuż tas-sewqan b'veloċità qawwija u b' hekk jiġu mħarsa dawk li jkunu qed jaqsmu din it-triq.
Il-Kunsill għandu jerġa' jmur quddiem il-Ministeru tat-Transport u jqajjem mill-ġdid din il-materja.

### MOZZJONI NUMRU 3 TALBA GĦAL GARANZIJA FINANZJARJA MAT-TALBA TAL-UŻU TA' ŻONI FIL-FLORIANA

Qiegħed jiġi proponut li kull min jirriżerva dati biex jiġi organiżżat xi avveniment f' xi żoni tal-Floriana, għandu jintalab li jagħmel garanzija finanzjarja minn qabel b'sens ta' responsabbiltà u lealtà lejn il-Floriana u r-residenti li kull darba jbagħtu inkonvenjenza kbira.

*(Proponent – Is-Sur James A Ellul – Kunsillier)*

*M'Lourdes Lautier*
Segretarju Eżekuttiv